**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Silvio Magro]**

**vs**

**Mark Anthony Micallef**

**Kumpilazzjoni Numru: 297/14**

**Illum, 30 ta' Mejju, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mark Anthony Micallef detentur tal-karta tal-identita` numru 235084(M).

Akkuzat talli:

> Nhar it-18 ta' Marzu 2014, ghall-habta ta' sitta (6) ta' filghodu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, ikkommetta serq ta' proprjeta` (mobile tal-ghamla Sony Experia ta' kulur iswed) ghad-dannu ta' Clifton Sciberras minn B'Kara liema serq hu kkwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (232.94) liema serq hu anqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), u dan ai termini tal-Artikoli 261, 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jinstemghu b'mod sommarju;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi dawn il-proceduri jittrattaw fuq allegat serq ta' *mobile phone* mill-Ajruport ta' Malta fejn l-imputat; li jahdem hemm; waqt li kien ghaddej mill-*iscanner* qabad *mobile phone* li kien nesa' bi zball haddiem iehor u cioe` Clifton Sciberras.

Il-verzjoni tal-imputat minn dejjem kienet illi huwa gabar dan il-*mobile phone* bi zball ghaliex kien jixbah lil tieghu u nduna bih wara hafna li dan beda jdoqq.

Illi f'dawn il-proceduri xhieda okulari huma biss il-persuna li ra il-filmat u cioe` Adrian Galea li bil-gurament xehed fl-ewwel (1) ta' Dicembru 2014, fejn huwa qal illi ra il-filmat ta' meta l-imputat gabar il-*mobile phone*, izda x-xhieda tieghu kienet pjuttost fjakka ghaliex ma tax id-dettalji tad-dinamika. Kullma qal huwa li ra l-filmat u sussegwentement mar fuq l-imputat u sab l-oggett fuqu.

Bir-rispett kollu dawn il-proceduri huma monki minn element essenzjali u cioe` li ma giex esebit il-filmat mertu ta' dan il-kaz u dan qed jinghad ghaliex ix-xhieda ta' Adrian Galea ma tat l-ebda dawl fuq il-komportament tal-imputat waqt li kien qed jiehu l-oggett. Dan tenut kont tal-fatt illi l-imputat mill-ewwelnett qal illi kien hadu bi zball u kien hafna wara meta dan mar jiehu kafe` li nduna bih. L-imputat spjega kif huwa inhasad meta sema' il-hoss tieghu u bil-fixla waqqghu u gie f'zewg bicciet. Illi bir-rispett kollu lanqas ma gie ppruvat it-tentattiv ta' serq ghaliex il-mument ta' kif l-imputat intebah bil-

*mobile phone* kien vicin wisq ta' meta gew fuqu is-*security* tal-ajruport u l-pulizija.

Illi ghal dawn il-motivi l-akkuza fil-konfront tal-imputat Mark Anthony Micallef ma gietx ippruvata u ghalhekk qed jigi liberat minnha.

---

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**